**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 58/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Jason Joseph Buttigieg**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jason Joseph Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 494272M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Marzu, 2015, ghall-habta tal-16:35 PM, gewwa Triq Sant'Antnin, Marsaskala, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAB 523;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Angel Formosa skond kif iccertifika Dr. Indica Thilon M.D. mill-M.D.H;
2. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joanne Abela skond kif iccertifika Dr. David Grima M.D. mill-M.D.H.

3. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-art jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura numru ZXR 079 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta’ Paul Angel Formosa u jew xi persuni ohra.
4. Saq vettura numru BAB 523 b’manjiera traskurata.
5. Saq vettura numru BAB 523 b’manjiera perikoluza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Frar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 216(1)(d), 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat Jason Joseph Buttigieg hati biss tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u kkundannatu multa ta’ tlett elef ewro (€3,000) filwaqt li lliberatu mir-raba u l-hames akkuzi fuq nuqqas ta’ provi.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Jason Joseph Buttigieg, pprezentat fit-22 ta’ Frar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tbiddel u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tilliberah mill-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u fin-nuqqas li tvarja l-istess sentenza billi taghti piena iktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-lanjanza unika ventilata mill-appellant tikkoncerna l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha u dan meta attribwit lilu r-responsabbilta’ ghas-sinistru stradali mertu ta’ dawn il-proceduri. Fil-fehma tieghu kien biss in-nuqqas ta’ attenzjoni u kawtela minn naha tal-parti leza Paul Angel Formosa l-kawza prossima tal-incident.

Dan sehh meta nhar it-22 ta' Marzu 2015 għall-ħabta tal-16:35hrs seħħ l-inċident stradali mertu ta' dawn il-proceduri bejn mutur tal-għamla Kaważaki bin-numru ta' reġistrazzjoni ZXR079 misjuq minn Paul Formosa u vettura tal-għamla Ford bin-numru ta' reġistrazzjoni BAB523 misjuqa mill-appellant. Is-sewwieq tal-mutur kif ukoll Joanne Abela li kienet riekba miegħu "*pillion*" fuq il-mutur sofrew ġrieħi gravi f'dan l-incident u Formosa ghamel xi hin ukoll fil-periklu tal-mewt. Mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija rriżulta l-incident sehh gewwa Triq Sant'Antnin, Marsascala, meta l-mutur li kien qed jinsaq f'din it-triq principali fid-direzzjoni ta' Ħaż-Żabbar hekk kif qabez liwja fl-istess triq sab l-vettura misjuqa mill-appellant tostakolalu l-karreggjata, tilef il-kontroll tal-mutur bil-konsegwenza li kemm hu kif ukoll il-persuna riekba fuq il-mutur mieghu imbezzqu 'il barra, b'din tal-ahhar taqa' ghal fuq il-*bonnet* tal-vettura misjuqa mill-appellant u l-parti leza Formosa jitkaxkar mal-mutur fl-art.

L-appellant jisħaq illi dak in-nhar tal-incident kien niezel Triq Sant'Antin M'Sacala fid-direzzjoni ta' Wied il-Għajn gej mid-direzzjoni ta' Ħaż-Żabbar meta waqaf mac-*central strip* f'nofs it-triq, jistenna sabiex jaqsam it-triq prinċipali bit-tir illi jaqbad it-triq laterali fejn hemm il-impjant tar-reċiklaġġ direzzjoni lejn iz-Zejtun. Ighid li f'daqqa waħda ra l-mutur ġej b'veloċita' qawwija, isuq fuq ir-rota ta' quddiem u meta lemhu s-sewwieq tal-mutur tilef il-kontroll tal-mutur li wassal sabiex seħħ l-incident fejn madanakollu fil-fehma tieghu l-mutur qatt ma mess mal-vettura tieghu. *Di piu'* l-appellant jisħaq illi hu fl-ebda hin ma caqlaq il-vettura tiegħu mill-ħin tal-inċident sa meta ġew il-pulizija fuq ix-xena tal-inċident. Din il-verzjoni hija kkoroborata minn martu li fil-mument tal-incident kienet riekba fil-vettura mieghu. L-appellant izid igħid fix-xiehda tieghu illi kif ra li l-mutur kien ġej għal fuqhom, għalaq għajnejh u wara ftit sema' tisbita. Dan tghidu wkoll martu li ghamlet l-istess u għalqet għajnejha hekk kif rat it-tfajla ttir għal fuq il-vettura tagħhom fejn wara ftit semgħet il-hoss tat-tisbita. Fil-fatt

tgħid li lanqas il-mutur ma rat sakemm wara l-inċident hi u żewġha ħarġu mill-vettura tagħhom sabiex jaraw x'kien seħħ.[1]

Mhux l-istess verzjoni izda jaghtu l-parti leza Formosa u l-*pillion rider* Joanne Abela li jattribwixxu l-htija unikament lill-appellant li fil-fehma taghhom kien qieghed jisporgi ftit ftit sabiex b'hekk invada l-karreggjata taghhom tat-traffiku meta kien qieghed jintenta jaqsam din it-triq principali. Ighid li huwa kien qed isuq b'velocita moderata u mhux kif allegat mill-appellant u meta qabez il-liwja sab il-vettura tal-appellant ma' wiccu b'mod inaspettat tant illi habat mal-istess bil-konsegwenza li tilef il-kontroll tal-mutur u kemm hu kif ukoll Abela imbezqu minn fuqu. Jikkontendi ghalhekk illi l-appellant ma kienx wieqaf fil-hin li ppreceda l-iskontru ghaliex kif skorra il-liwja f'din it-triq sab lill-appellant ħiereġ bil-mod għan-nofs iħares fid-direzzjoni opposta u għal fuqhom x'aktarx bit-tir illi jidħol fit-triq laterali li tagħti għaż-Żejtun li tinsab fuq il-lat oppost u li kwindi tirrikjedi necessarjament illi l-appellant jinvadi l-karreggjata tieghu tat-traffiku biex jidħol f'din it-triq.[2]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant gie misjub hati kemm tar-reat tal-ħsara nvolontarja fuq il-mutur misjuq mill-parte ċivile, kif ukoll dak tal-offiza gravi kif mahsub fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali fuq il-persuni ta' Paul Formosa u Joanne Abela.

Illi fil-fehma tal-appellant, madanakollu, l-kawża prossima tal-inċident kien is-sewqan eccessiv tal-mutur u li allura errat l-Ewwel Qorti meta qieset illi hu kien jahti ghal dan is-sinistru. Dan ghaliex jikkontendi illi huwa kien wieqaf jistenna sabiex jgħaddu l-karrozzi biex ikun jista' jintenta jaqsam it-triq principali sabiex jinoltra ruhu fit-triq sekondarja li hemm vicin l-impjant tar-riciklagg fil-faccata l-ohra. Jishaq illi hekk kif qabez il-liwja Formosa nħasad meta sab lill-appellant ma' wiccu u ghalhekk għamel manuvra evasiva li wasslitu sabiex tilef il-kontroll tal-mutur tiegħu. Jikkontendi illi

---

[1] Ara d-deposizzjonijiet tal-appellant a folio 201 senjatament a folio 205 et seq u ta' martu Roseanne Buttigieg a folio 220 senjatament a folio 221 et seq.
[2] Ara l-pjanta redatta mill-Perit Richard Aquilina a folio 67 tal- atti proċesswali.

fl-ebda hin ma kien hemm impatt bejn il-mutur u l-vettura ghajr ghad-daqqa subita fuq il-*bonnet* tal-vettura tieghu meta Abela taret minn fuq il-mutur ghal fuq l-imsemmi bonnet. Ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta din kkonkludiet illi huwa responsabbli għal dan l-inċident minħabba nuqqas ta' *proper lookout*. Dan ifisser ghall-appellant illi huwa ma jistax jaqbel lanqas mal-konklużjonijiet milhuqa mill-espert nominat fl-*in genere* Mario Buttigieg li kkonkluda illi l–vettura tieghu ġiet spostjata mill-post fejn sehh l-impatt u dan kif evidenzjat ukoll mill-ħsarat riskontrati u l-post fejn dawn instabu fuq il-vetturi rispettivi.

Illi din il-Qorti qrat u fliet bir-reqqa l-atti kollha proċesswali kif ukoll il-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti nominati fl-*in genere* flimkien mar-ritratti li ġew eżebiti fost dokumenti oħra. Billi hemm kunflitt bejn il-verżjonijiet mogħtija mill-appellant u martu u dawk moghtija mill-parte ċivile u t-tfajla tiegħu illi kienet riekba bħala *pillion rider* fuq il-mutur ma Paul Formosa meta seħħ is-sinistru, hemm risoluzzjoni ghal din il-vertenza fil-provi cirkostanzjali u indizzjarji li gew misjuba fuq ix-xena tal-incident u l-hsarat subiti fil-vettura u l-mutur involuti fl-istess.

Irriżulta li l-appellant kellu ħsarat fuq il-*bonnet*, il-*bumper* ta' quddiem, il-*wing* u l-*headlight* fuq in-naħa leminija ta' quddiem tal-istess vettura filwaqt illi l-mutur tal-kwerelant kellha ħsarat fil-*fuel tank*, fil-*frame* fuq in-naħa leminija u fuq il-mera tal-ġenb dejjem fuq in-naħa tal-lemin. Ukoll skond dak li johrog kemm mir-rapport tal-espert maħtur Mario Buttigieg kif ukoll mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina u mill-pjanta annessa mal-istess rapport, jidher illi t-tifrik nstab iktar il-quddiem minn fejn kien wieqaf l-appellant bil-vettura tiegħu. Dan ġie nterpretat minnhom bħala l-post fejn seħħ l-impatt jew il-'*point of impact*' li jfisser allura li l-vettura tal-appellant b'xi mod resqet iktar lura mill-post fejn sehh l-impatt. Jingħad b'xi mod peress illi l-appellant jiċħad kategorikament illi hu spostja din il-vettura minn fejn kienet fil-mument tal-inċident apparti illi jisħaq ukoll illi ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn il-karrozza tiegħu u l-mutur tal-kwerelant, fejn l-uniku kuntatt sehh meta Joanne Abela taret għal fuq il-*bonnet* tal-vettura tiegħu.

Illi din il-verzjoni moghtija mill-appellant madanakollu tippekka f'diversi bnadi. Dan hu rifless l-ewwel u qabel kollox fil-hsarat subiti fil-vettura u l-mutur li jindikaw illi kien hemm impatt bejniethom meta l-mutur laqat bil-mera u l-genb tan-naha leminija mal-*headlight* leminija u l-genb tal-vettura. Jikkonforta din it-tezi ukoll hemm mhux biss dawn il-hsarat izda ukoll it-tifrik li nstab mal-art provenjenti mill-mutur. Fil-fatt hemm parti minn dan il-mutur kulur hadrani fl-art flimkien ma' tifrik ta' hgieg u xi hadid iehor. Illi allura huwa ghal kollox inverosimili dak li jikkontendi l-appellant illi l-mutur fl-ebda hin ma laqat il-vettura tieghu. Fuq kollox dan lanqas seta' jigi ikkonstatat minnu *ictu oculi* meta ighid *ex admissis* li hekk kif ra l-mutur gej ghal fuqu, ghalaq ghajnejh. Tippekka ghalhekk il-verzjoni tal-appellant ukoll meta jikkontendi illi fl-ebda hin ma caqlaq il-vettura tieghu wara l-impatt. Dan ghaliex dan it-tifrik fl-art jindika bil-precis l-i*spot of impact* u cioe' l-lok fejn sehh l-impatt bejn il-vettura u l-mutur. Din il-prova indizzjarja tindika b'mod inkonfutabbli illi l-vettura kienet tinsab iktar 'il quddiem tisporgi ghal fuq it-triq principali meta sehhet il-kollizzjoni u mhux fil-post fejn il-vettura nstabet wieqfa.

Illi huwa indubitat illi l-post fejn sehh dan is-sinistru stradali huwa wiehed kemmxejn perikoluz ghal min ikun ser jintenta jaqsam it-triq principali biex imur fil-faccata l-ohra fejn kien sejjer l-appellant. Dan ghaliex il-vizta kemm ta' min ikun gej mit-triq principali, kif ukoll ghal min kun ser jintenta jaqsam dik it-triq hija wahda ostakolata, kemm bil-liwja li hemm fit-triq ftit qabel, kif ukoll b'xi arbuxelli li hemm mac-*central strip* li jzommu lis-sewwieqa milli jaraw it-traffiku li jkun tielgha minn M'Scala.

Il-Highway Code jiddisponi fir-regolamenti 212 u 213:

> **212. "Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq principali."**
>
> **213. "F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali."**

Dana ifisser illi min jkun ser jinvadi it-traffiku fi triq principali irid josserva tlett regolamenti importanti u cioe':

1. li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma jkunx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.

2. li jaccerta ruhu li ma jkunx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk jkun hemm traffiku, ikun tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma jkun bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku

3. li jiccaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod il-mod *inching out* u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku ighaddi.

Illi ghalhekk l-appellant naqas milli izomm dak il-*proper lookout* hekk kif stabbilit mill-Ewwel Qorti meta hareg ghal fuq it-triq principali, li hija wahda piuttost traffikuza, minghajr ma zamm dik l-attenzjoni mehtiega tant illi kif jidher mit-tifrik li instab fit-triq huwa kien prattikament kważi fin-nofs tat-triq meta seħħ l-inċident biex b'hekk kien qed jinvadi l-karreġjata fid-direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar li kienet id-direzzjoni minn fejn kien gej l-parti leza. Ir-responsabbilta' fuq l-ispalla tal-appellant kienet wahda ikbar tenut kont, kif inghad, illi l-vizwali tieghu kienet wahda ostakolata kemm bil-liwja fit-triq kif ukoll bl-arbuxelli li hemm mac-*central strip*.

Maghmula dawn il-kostatazzjoniiet il-Qorti hija tal-fehma, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi kienet il-manuvra maghmula mill-appellant, meta b'nuqqas ta' '*proper lookout*' intenta jinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni ta' M'Scala, l-kawza prossima tal-incident, tant illi Formosa sabu inaspettament quddiemu u ghalkemm ipprova jaghmel manuvra evasiva l-kollizzjoni ma setatx tigi tevitata. Din il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-konklużjonijiet fejn konsegwentement jidhrilha illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam interpost mill-appellant dwar il-piena erogata fil-konfront tieghu ta'l-multa ta' €3000. Jibda biex jinghad illi l-piena erogata taqa' sewwasew fil-parametri imposti fil-ligi tant illi l-Qorti tqies illi hija wahda ragjonevoli fic-cirkostanzi fejn mhux biss spiccaw sofrew feriti gravi tnejn minn nies f'dan is-sinistru stradali izda ukoll kien hemm hsarat konsiderevoli fi-mutur tal-parti leza. *Di piu'* l-appellant ma jressaq ebda raġuni jew motivazzjoni 'il għala din il-Qorti għandha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena tal-multa. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur